



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 24 ta' Lulju 2006
(OR. en)**

**11752/06
ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:
2006/0142 (COD)**

**VISA 190
CODEC 771
COMIX 662**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Lulju 2006
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitfassal Kodiċi tal-Komunità tal-Viżi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Sommarju tal-Valutazzjoni ta' Impatt" meħmuż ma' l-abbozz ta' proposta msemmija hawn fuq.*

Mehmuż: SEC(2006) 958 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.7.2006
SEG(2006) 958

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

Li jmur mal- :

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitfassal
Kodiċi tal-Komunità tal-Viżi**

ĠABRA FIL-QOSOR TA' L-ANALIŻI TA' L-IMPATT

**{KUMM(2006) 403 finali}
{SEG(2006) 957}**

SOMMARJU TA' L-ANALIŻI TA' L-IMPATT

It-tfassil ta' politika komuni dwar il-viżi, meħtieġa bit-twaqqif ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li fi ħdanu ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri, għandu quddiemu ostakoli li joħorġu min-natura u l-kontenut stess ta' l-elementi li hu magħmul minnhom.

L-analiżi preżenti esponent biċ-ċar id-diffikultajiet li jirriżultaw meta jitqiegħdu flimkien regoli u proċeduri differenti, li ma jkunux preċiżi biżżejjed, xi kultant ma jkunux ċari, u li l-firxa ġuridika tagħhom tibqa' ambigwa. Minħabba sitwazzjoni bħal din jinħolqu interpretazzjonijiet differenti kif ukoll ikun hemm twettiq mhux armonizzat. Barra minn hekk ġew reġistrati ċerti nuqqasijiet fil-kooperazzjoni konsulari lokali li jwasslu biex il-fenomeni tax-"xiri" tal-viżi jinfirex aktar, kif ukoll għal trattament differenti għal dawk li jitolbu l-viżi. Fost affarijiet oħra, dan itellef lill-pajjiżi terzi milli jkollhom perċezzjoni ċara ta' din il-politika.

Fir-rigward tal-kuntest politiku mfassal permezz tal-programm ta' l-Aja ġew identifikati diversi oġġettivi. Dawn għandhom l-għan li jikkjarifikaw id-dispożizzjonijiet li hemm bħalissa billi jeliminaw in-nuqqasijiet u billi jistabbilixxu kwadru normattiv eżawrijenti, koerenti u trasparenti. Huwa xieraq ukoll li jkun hemm applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli sew mill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri kif ukoll mill-uffiċċji konsulari tagħhom f'pajjiżi terzi biex ikun hemm trattament l-istess għal dawk li jkunu qed jitolbu viża kif ukoll biex tingħata kontribuzzjoni aktar effikaċi lejn il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

Ġew maħsuba għadd ta' interventi li jistgħu isiru: jinżamm l-*istatus quo*, jiġu stabbiliti formazzjonijiet komuni, tissaħħaħ il-kooperazzjoni konsulari, jiġu aġġornati b'mod ħafif l-Istruzzjonijiet konsulari komuni jew jerġgħu jitfasslu mill-ġdid, u jinħolqu uffiċċji komuni li jkollhom l-inkarigu jqassmu l-viżi.

Mill-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' kull miżura jirriżulta li, jekk it-tfassil għal kollox mill-ġdid ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari komuni jidher bħala l-aktar adatt biex jiġu solvuti l-problemi misjuba, dan jista' jitqies ukoll bħala tappa li tkun tippreċedi l-ħolqien ta' uffiċċji komuni tal-viżi. Barra minn dan, l-iżvilupp ta' formazzjonijiet komuni jidher bħala segwitu siewi u għalhekk ta' min wieħed jevalwa kemm dan ikun jista' jsir fir-realtà.